C/2024/6800

8.11.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11703 – NOVO HOLDINGS / KKR / SYLVAN)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/6800)

1. Fil-31 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Novo Holdings A/S ("Novo Holdings", id-Danimarka), ikkontrollata minn Novo Nordisk Foundation (id-Danimarka),

— KKR & Co. Inc. ("KKR", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Sylvan International Biotechnology Co Ltd ("Sylvan", iċ-Ċina), li bħalissa hija kkontrollata biss minn KKR.

Novo Holdings u KKR se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Sylvan.

Il-konċentrazzjoni se sseħħ permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Novo Holdings hija kumpanija azzjonarja u ta' investiment li hija responsabbli għall-ġestjoni tal-assi ta' Novo Nordisk Foundation, permezz ta' investimenti strateġiċi fix-xjenzi tal-ħajja, is-saħħa planetarja u oqsma relatati u permezz ta' investimenti ta' natura finanzjarja u ta' kapital ta' riskju f'portafoll wiesa' ta' kumpaniji.

— KKR hija ditta ta' investiment globali li toffri ġestjoni tal-assi alternattivi kif ukoll soluzzjonijiet tas-swieq tal-kapital u tal-assigurazzjoni.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża Sylvan huma dawn li ġejjin: Sylvan hija attiva prinċipalment fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' żerriegħa (ġenetika propagata) għall-faqqiegħ li jittiekel.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11703 – NOVO HOLDINGS / KKR / SYLVAN

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË